Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2129

10.10.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2129

## tad-9 ta' Ottubru 2023

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 [1], li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tapplika sas-16 ta' Ottubru 2023. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, il-validità ta' dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi estiża sas-16 ta' Ottubru 2026 u l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jenħtieġ li jiġu estiżi sas-16 ta' Ottubru 2024.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-16 ta' Ottubru 2026. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 għandhom japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness sas-16 ta' Ottubru 2024.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Y. DÍAZ PÉREZ

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25).